# L-Aħwa Saċerdoti Grech Ellul

Winston L. Zammit



Fost il-familji li għexu f'Birkirkara fis-seklu dsatax insibu dik ta' Ġanni Grech u Carmela mwielda Ellul, li tnejn minn uliedhom saru Saċerdoti. Binhom Alfred daħal mal-Ordni Dumnikan bl-isem ta' Patri Ġjaċint. Guglielmu (William) sar Saċerdot Djoċesan u kien ukoll Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana.[1]

### Patri Ġjaċint Grech Ellul

Patri Ġjaċint twieled f'Birkirkara fis-7 ta' Marzu 1865. Fis-sena 1881 ingħaqad mal-Ordni Dumnikan u kien ordnat Saċerdot fil-15 ta' Diċembru 1887. Fl-1888 inħatar Lettur, u għal 23 sena għallem lill-istudenti tal-Ordni, l-ewwel fi Sqallija u mbagħad f'Malta.[2]



Omaggio dell'Autore

P. Mro. F. Giacinto Grech Ellul, O.P.

—

DISCORSO

RECITATO AGLI STUDENTI

DEL

Collegio di S. Tommaso D'Aquino

DEI

P. P. Predicatori

CON NOTE SUGLI STUDI E DOTTORATI DOMENICANI.

1904.

TIPOGRAFIA

DEL

"DAILY MALTA CHRONICLE"

104, Piazza San Giovanni, Valletta.

Iżda minbarra t-tagħlim, Patri Ġjaċint wettaq ukoll il-ministeru pastorali b'mod partikulari permezz tal-konfessjonarju u tal-predikazzjoni.[3] Insibu li nhar il-festa ta' Santa Elena tal-1897 filgħodu, kien għamel il-paniġierku fil-Kolleġġjata Elenjana.[4] Ta' min ifakkar li dik il-ħabta dan il-paniġierku filgħodu kien isir bit-Taljan.

### Ħidma f'Tas-Sliema

Għal diversi snin, kif sejrin naraw, Patri Gjaċint Grech Ellul wettaq ukoll Ħidma f'Tas-Sliema. Dan billi għal madwar dsatax-il sena kien membru tal-komunità tal-patrijiet Dumnikani li kienet tieħu ħsieb il-knisja ta' Ġesù Nazzarenu fix-xatt ta' Tigne, li ġiet fdata

---

[1] Fsadni M., O.P., *Dumnikani Maltin Magħrufa 1450-2003*, Malta 2003, p. 152..
[2] Ibid.
[3] Tagħrif miġbur mis-santa tal-mewt tiegħu.
[4] *Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese*, 21.VIII.1897.




IN MEMORIA
DEL MOLTO REV. P, MAESTRO
GIACINTO GRECH ELLUL O.P.
CHE CON DOTTRINA AD UMILTA' DISPOSATA
IN MALTA E IN SICILIA
INSEGNO' TEOLOGICHE DISCIPLINE
FU ELOQUENTE SUL PERGAMO
ASSIDUO AL CONFESSIONALE
E TRA IL COMPIANTO DEI MISERI
DA LUI GENEROSAMENTE CONFORTATI
IL 5 APRILE 1931
PASQUA DI RESURREZIONE
A 66 ANNI
SI ADDORMENTO' NEL SIGNORE

f'idejhom fl-1909.[5]

Fil-Kapitlu Provinċjali tal-1912, Patri Gjaċint inħatar Rettur tas-Santwarju ta' Ġesù Nazzarenu u Vigarju (Superjur) tal-komunità tal-patrijiet Dumnikani.[6] Dwar din il-ħatra, gazzetta lokali ikkummentat hekk:

*Din id-darba in-nies ta' Tas-Sliema għamlu akkwist bil-miġja tas-Superjur il-ġdid tan-Nazzarenu, il-Patri Majjistru Ġjaċintu Grech Ellul.*[7]

Minkejja l-fatt li fl-1912 il-patrijiet Dumnikani kienu ilhom biss madwar tliet snin f'Tas-Sliema, insibu li f'din is-sena diġà kellhom il-ħsieb li jkabbru kemm il-knisja u l-kunvent[8] u Patri Ġjaċint beda mill-ewwel jiġbor il-fondi għal dan il-proġett.[9]

Fl-1913 il-Kunsill Provinċjali aċċetta l-proposta li tinbena knisja ġdida minflok dik ta' Ġesù Nazzarenu, u Patri Ġjaċint kompla jħabrek għall-ġbir tal-fondi fis-snin ta' wara, biex jitwettaq dan il-proġett.[10] Iżda barra minn hekk, fl-1914 għamel talba lill-Gvern Kolonjali biex ikun jista' jixtri xi propjetà kontigwa mal-knisja biex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett. Din it-talba ntlaqgħet mill-Gvern f'Ġunju tal-1916.[11]

Fl-1917 Patri Ġjaċint waqaf kumitat biex jieħu ħsieb il-bini u l-ġbir tal-fondi.[12] Ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-ġdida, li kellha tiġi ddedikata lill-Madonna ta' Pompej, inbeda. Iżda bilkemm laħaq tlesta l-kappellun tal-kor meta x-xogħol waqaf għalkollox

[5] *Malta Tagħna,* 23.IV.1910.
[6] Ibid. 27.IV.1912.
[7] Ibid. 4.V.1912.
[8] *Ir-Rużarju,* 1912 p.223.
[9] Scerri D. *Il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu Tas-Sliema* (1993) p. 4.
[10] Scerri D. Op.cit. p.5; *Malta Tagħna* 16.V.1914, 15.VIII.1914, 5.IX.1914, 3.X.1914.
[11] A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), Petitions 1914 No. 92.
[12] Scerri D., op.cit. p. 5.

minħabba nuqqas ta' fondi.[13]

Jidher li Patri Ġjaċint spiċċa mill-kariga ta' Vigarju fl-1917.[14] Iżda reġa' kellu din il-kariga bejn l-1924-1927, u l-1927-1930.[15]

Patri Ġjaċint Grech Ellul O.P. miet f'Ħadd il-Għid il-Kbir, 5 ta' April 1931, fl-età ta' 66 sena u l-funeral tiegħu sar fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema.[16]




**Dun Guglielmu Grech Ellul 1867-1934**

Guglielmo Grech Ellul twieled f'Birkirkara fid-19 t'Awwissu 1867 u ġie mgħammed fil-Kolleġġjata Elenjana l-għada 20 ta' Awwissu minn Dun Filippu Grech.[17]

Dun Guglielmu kien ġie ordnat Saċerdot mill-Arċisqof Pietru Pace fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fit-23 ta' Diċembru 1893.[18] Huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata Elenjana fis-7 ta' Jannar 1894. Il-mużika f'din il-quddiesa kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anton Nani, u d-diskors tal-okkażjoni sar minn ħuh, Patri Ġjaċint Grech Ellul O.P.[19]



Erba' snin wara, fl-14 ta' Marzu 1898, Dun Guglielmu Grech Ellul ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana.[20]

Bħala saċerdot, Dun Guglielmu kien iwettaq il-ministeru pastorali, iżda b'mod partikulari permezz tal-konfessjonarju.[21] Minbarra f'Birkirkara, kien ukoll iwettaq il-ministeru pastorali fil-parroċċa ta' San Ġiljan.[22]

Dun Guglielmu kien

[13] Fsadni M. O.P., *Id-Dumnikani f'Malta Matul il-Gwerra 1939-1945, KKM 1977 pp. 76,77.*

[14] *Malta Tagħna* 10.II.1917.

[15] Fsadni M. O.P., *Dumnikani Maltin Magħrufa* p. 153.

[16] Ibid., p. 153 u tagħrif miġbur mis-santa tal-mewt.

[17] Tagħrif miġbur mill-Arkivju tal-Parroċċa S. Elena ta' Birkirkara mgħoddi minn Philip Xuereb, Novembru 2013.

[18] A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) CATALOGUS ORDINATORUM 1889-1902 p.59.

[19] *Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese* 11.I.1814.

[20] A.K.A. *Recenti Collazioni dei Canonicati di Birchircara* 1859-1906 f. 302R.

[21] Tagħrif miġbur mis-santa tal-mewt.

[22] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.



prokuratur tal-altar tal-Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata Elenjana.[23] Bħala prokuratur nafu biċ-ċert li kien ħa ħsieb li jsiru tliet affarijiet b'rabta mal-artal u l-kappella fejn jinsab:

1. Ħa ħsieb li jsir ir-restawr tal-kwadru titulari tal-istess kappella.[24]
2. Bit-tħabrik tiegħu fl-1928 saret iz-zokklatura tal-irħam tal-istess kappella.[25]
3. Fl-1932, fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant'Elena, iżżanżan il-ventartal tal-fidda tal-artal, xogħol tad-ditta *Angelo Ronchi* ta' Milan.[26]

**Il-Fratellanza tal-Madonna tal-Erwieħ u l-Festa Tagħha**

Fl-1805, kienet twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu f'Birkirkara.[27] Iżda fl-1904, wara l-miġja tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi fil-knisja ta' San Alfons fil-Wied, din il-fratellanza kienet ġiet ittrasferita hemmhekk.[28] Minflokha fil-Kolleġġjata Elenjana twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tal-Erwieħ, u nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru 1906, saret għall-ewwel darba l-festa tal-Madonna taħt dan it-titlu. F'din l-okkażjoni kienu żżanżnu l-istatwa, il-bradella u l-bankun tagħha.[29]

Din il-festa kompliet issir fis-snin ta' wara u fl-1914, il-prokuratur tagħha kien il-Kanonku Dun Guglielmu Grech Ellul.[30]

**It-Terz' Ordni Franġiskan**

Il-Kanonku Grech Ellul kien ukoll id-Direttur tat-Terz' Ordni Franġiskan li kien twaqqaf fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1835. Fl-1926 meta Dun Guglielmu kien Direttur dan it-Terz' Ordni fakkar b'solennità kbira is-seba' ċentinarju tal-mewt ta' San Franġisk t'Assisi (1226-

---

[23] A.K.A. Manuskritt: *SACERDOTUM OMNIUM QUI DEI MAIORI GLORIAE animarumque saluti Ep. Maurus Caruana O.S.B. in Melitensi Diocesi dant operam* p. 40.

[24] Tagħrif mogħti lili minn Philip Xuereb.

[25] Ara l-iskrizzjoni bil-Latin li hemm fl-istess kappella.

[26] *Leħen is-Sewwa* 13.VIII.1932.

[27] A.K.A. *Suppliche* 1786-1808, ff, 784v, 785v.

[28] Vella E.B., *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* (1934) p. 498.

[29] *Malta Tagħna*, 10.XI.1906, 17.XI.1906.

[30] Ibid., 21.XI. 1914 p.2.





1926) b'funzjonijiet fil-Kolleġġjata. Sar Tridu, u fil-funzjonijiet ta' lejlet u nhar il-festa li saret fil-21 ta' Novembru, kien iffunzjona l-Kan. Prepostu Dun Karm Bonnici, assistit mill-Kapitlu. F'din l-okkażjoni kien hemm il-mixegħla u l-logħob tan-nar u l-Banda Sant'Elena esegwiet programm mużikali.[31] Għal din l-okkażjoni kienet inġabet ukoll l-istatwa ta' San Franġisk li llum tinsab miżmuma f'niċċa fis-sagristija tan-nofs.

**Benefattur**

Dun Guglielmu kien ukoll benefattur tal-Knisja Kolleġġjata Elenjana. Fl-1934, meta kien għadu ħaj, ħallas minn butu għall-iċċangjar bl-irħam tal-kuridur li hemm wara l-kor. B'tifkira ta' din l-għotja, fl-istesss kuridur hemm il-kwadru ritratt tiegħu, u skrizzjoni li tfakkar din l-għotja tiegħu f'nofs l-istess paviment.[32]

Il-Kanonku Guglielmu Grech Ellul miet nhar il-21 ta' Ġunju 1934 fl-età ta' 66 sena.[33]

[31] *L-Anġlu tal-Paċi,* Marzu 1927 pp. 63,64

[32] Ara l-imsemmija skrizzjoni.

[33] A(rkivju) P(arrokkjali) B(irkirkara) *Liber Mortuorum XIV.*

Jekk f'dal-jiem ta' festa tkun qed iżżur il-knisja lejlietha jew nharha
Idħol sa ġewwa u itla' sal-Awla Kapitulari u mużew
Ara x'inhu jsir b'risq il-patrimonju Karkariż, Patrimonju tiegħek ukoll
Anke jekk m'intix mir-Raħal